# Ħelsuha b'wiċċ il-ġid

Fost dawk li qalbu l-ħamsin, naħseb li għad fadal min jiftakar li biċċa mix-xogħol tal-Maġistrati tal-lum, kienet f'idejn is-Sindkijiet ġo d-distretti tar-rħula kbar tagħna.

Is-sur Federik kien skrivan ma' wieħed minn dawn is-sindkijiet li qegħdin insemmu. Iż-Żejtun kien wieħed mill-ewlenin; u l-iskrivan tas-Sindku kien fgat sa mnieħru bix-xogħol; wara nofs-inharijiet kien iċappaslek sas-sitta kuljum rasu mgħaddsa jikteb fuq dik l-imbierka ta' skrivanija, jishar bid-dawl tal-lampa.

Darba, is-sur Federiku talab lis-sindku jtih is-sensja jmur il-belt biex jaqdi teftifa xogħol u għall-erbgħa jarġa' jkun iż-Żejtun. Sat-tlieta kien ħeles mill-qadja u telaq u kollox għal taħt putirjal fejn ħalla lil Paċikk iż-Żokri jistennieh, bil-ponija u l-karettun taċ-ċinga.

Daqqu l-erbgħa, l-erbgħa u kwart... u nofs... is-sur Federik m'hemmx li jitfaċċa ħiereġ minn Putirjal. Trid tara ż-Żokri jħoll u jdawwar, mifxul, id-dendula ta' terħa u jirfidha f'tarfha u jeħmiżha ma' qaddu jistenna bla sabar lis-sur Federik ! Dana ż-Żokri kien raġel qerqni... wiċċu għarka zift u mkemmex, kull xoffa daqshiex u ħuġbejh sfiq sewwa, b'erba' żajbriet twal u mitluqin fuq xofftu liebes, imdendel u maħmuġ ġmielu. Jekk tħares lejh jitbissem kien ibeżżgħek, aħseb u ara mbergħen u mifxul, għax l-iskrivan tas-sindku, għenilli kellu jiġi fl-erbgħa u daqqu l-ħamsa nieqes kwart u dan l-imbierek ta' skrivan ma deherx! U s-sur Diku? Dan l-imbierek iltaqa' ma' ħabib, u dan kaxkru l-każin, u ħajru, ma' xi erbgħa oħra, jintasab fuq mejda għal-logħob. Daqqu l erbgħa u s-sur Diku għadu ma ħasibx biex jitlaq lejn ir-raħal; nesa, bħallikieku qatt ma kien li ta l-kelma lis-Sindku u Paċikk kellu jistennieh taħt Putirjal: daqqu l-ħamsa u s-sitta wkoll, li dalam b'ruħ ommu u missieru u għadu ma nqalax minn fuq il-mejda tal-logħob. Kif jinkarmu wara l-karti l-lagħaba ! Huma ma kinux weħidhom biex ngħiduha kifinhu; qatra wara qatra u x-xorb qatt ma ntaqa', rashom saħnet u nsew kollox ! iż-żmien ma jagħtix żmien u ma jistenna 'l ħadd; nofs il-lejl bomm u għadhom sturduti fuq il-logħob.

"Kif... nofs-il-lejl !" qal l-iskrivan lis-sur Tonna, dak li kien stiednu l-każin, u s-sindku... u ż-Żokri ! Kif irrid immur ir-raħal dal-ħin ?"

Kien irxix u dlam ċappa.

"Ħudha kif tiġi," qallu s-sur Tonna ħabibu; "il-lejl ikolli nitqanna bik jien—nitwieżnu kif nistgħu u bil-qalb it-tajba nitkarkru lejn id-dar tiegħi." Hekk għamlu; telqu lejn Marsamxett imxenglin, għax it-tnejn kienu ħarquha t-tewma; bit-tbatija fl-aħħar waslu d-dar tas-sur Tonna.

Borma bejn l-ixirka jew maħruqa jew miksura! u Tonna u Federik, ħarqu t-tewma u kisru r-rġulija!

Kien nhar San Nikola; dak in-nhar il-qaddejja kienet battlet minn hawn il-lejl u telgħet is-Siġġiewi għall-festa: "Ħabat sewwa," qal bejnu u bejn ruħu s-sur Ġulinu, hekk kien jismu s-sur Tonna. Lil Federiku tah l-għorfa tal-qaddejja, u hu tela' fuq inbajja tarġa tarġa, u ntefgħu t-tnejn fis-sodda sturduti u mdaħdħin bix-xorb u l-logħob!

Għall-ħabta tal-ħamsa, is-sur Ġolu jtih bħal ferħ ta' ġenn—iqum imdagħdagħ u mbergħen, jilbes f'radda ta' salib u f'kemm ili ngħidlek kien quddiem is-surġent tal-għassa tal-qorti t'isfel iwassal (1) lis-sur Federik li sabu ġo daru dal-lejl bla ma jaf kif, u li ġie biex jisirqu u jiksirlu għonqu! Kienet l-imqata tas-sakra.

Is-sur Tonna żied igħid lis-surġent:—M'hemmx żmien x'nitilfu—il-għadu qiegħed f'dari."

Is-surġent mexxa r-rapport dlonk, u bagħat bilġri għall-maġġur. Dana u s-surġent kienu t-tnejn ħbieb u jafu sewwa lit-tnejn min-nies tal-ġrajja tagħna.

Kull reħma għajnuna, iżda s-servizz, servizz: u t-tnejn wettqu dmirhom bil-ħaqq, għalkemm nixfin bil-għaġeb, kif dawn iż-żewġt iħbieb u galantomi, kellhom xi jgħidu bejniethom hekk bl-ikrah: żewġt irġiel fuq l-irġiel u li qatt ħadd minnhom ma rifes il-għatba tal-qorti! Sewwa jgħidu, li l-għali jkun imsiefer. Il-maġġur kellu jaqdi dmiru u niżel sad-dar tas-sur Tonna Marsamxett biex igħarbel dak li kien ġralhom.

Wasal. Hemm isib lis-sur Federik mitfugħ fuq sodda bil-ħwejjeġ b'kollox qisu bhima, irqiq donnu magħseb musfar, magħlub u wiċċu misbuk.

"Ikollok tiġi miegħi l-Qorti," qallu l-maġġur wiċċu mqarras, u taptaplu fuq kitfejh.

"Il-Qorti?... u hawn fejn aħna?... din x'biċċa hi?..." u jħares lejh miblugħ.

"Isqini u staqsini," jgħid il-qawl malti, iżda is-sur Federik, billi ma kienx imdorri jżanbarha, ilsienu bħal żammlu

(1) Jirraporta

u moħħu ħfief għax ma għarafx iwieġeb għall-mistoqsijiet li l-maġġur ried bihom igħarblu... ma qalx ħlief:—"hawn fejn aħna ! .. dawn xi bċejjeċ huma !... tlift flusi... iċ-ċitazzjonijiet tas-sindku !..." Is-sakra kienet għadha ma għadditlux għal kollox: u bit-tielgħa u n-nieżla, karkru miegħu u qaflu taħt il-muftieħ, sa ma jsir il-ħin.

L-għaxra kienu għadhom ma daqqux; is-sur Ġulin, kien qed irejjex tiġieġa xiħa, u l-qaddejja raddet il-buqa jew borma għal belgħa meraq tajba, billi dak in-nhar ma kienx iħossu fiha fuq tferfira bħal dik; u x'inhu jintef u jberren f'moħħu fuq li ġralu ! Fis-siegħa u l-ħin, jitlaq it-tiġieġa ġoż-żinġlu li kellu quddiemu, għadda idu minn fuq moħħu bħal mesaħ b'subgħajh il-għaraq li xaqq għalih, waqt li kien għaddej minn għala moħħu r-rapport għelti li kien għamel u, bħal wieħed li ftakar xi ħaġa ta' l-ikbar fejda, itir minn fuq ix-xriek li kien minsub fuqu, u f'inqas minn kemm tgħid kredu libes u telaq jiġri lejn il-Qorti.

Is-sur Ġulinu ġie fiha, li kulma qal lill-maġġur ma kienx ħlief ferħ-ta'-ġenn li tah f'rasu, għalla tas-sakra ma' ħabibu Federik, u stqarr kollox lill-maġġur. Dan ferħ minn qalbu li l-biċċa ma għaddietx ilquddiem, u sal-ħdax, is-sur Federik u s-sur Anġolin kienu flimkien. Raddew il-ħajr lill-maġġur u ħarġu bħal żewġt itfal id f'id mill-Qorti, u niżlu ħadu l-aħħar qatra minn għand Peppi tal-Kirxa li kien dak iż-żmien bil-ħanut tax-xorb fit-triq Irjali kantuniera mat-triq ta' San Ġwann fejn sa ftit ilu kien hemm l-istabiliment ta' Saverina.

Is-sur Angolin, għal kemm qatt ma fehem li jagħmillu ebda ħsara, talab maħfra lil ħabibu u t-tnejn ħalfu, li qatt iżjed, f'ħajjethom ma jżidu la jixorbu ż-żejjed lanqas iħarsu lejn il-karti tal-logħob.

Is-sur Federik kien għad fadallu jsewwi xturu mas-sindku; iżda jgħid sewwa l-qawl: aħjar ħabib is-suq minn mitt skud ġewwa s-senduq; għax it-tabib Baldakkin, ħabib ta' ġewwa tas-sur Federik, sewwa l-bixkla mas-sindku.

Ħelsuha b'wiċċ il-ġid, iżda qatt ma nsewha din il-praspura li ġratilhom u lanqas il-kelma li taw lil xulxin.

R. M. B.